

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Stada Arzneimittel AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 352, 1.10.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Frar 2020 – L-Ungerija vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-505/18) (¹)

(“FAEG u FAEŻR – Spejjeż esklużi mill-finanzjament – Għajjuna għall-iżvilupp rurali – Għajjuna mogħtija lill-gruppi ta’ produtturi – Spejjeż sostnuti mill-Ungerija – Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 – Rikonoxximent ikkwalfikat – Eliġibbiltà tal-benefiċjarju għall-għajjuna – Korrezzjoni finanzjarja kkalkulata – Artikolu 52(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 – Kooperazzjoni leali – Protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi – Proporzjonalità – Ċertezza legali – Ammonti mhux eliġibbli”)

(2020/C 95/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Partijiet

Rikorrenti: L-Ungerija (rappreżentanti: M. Fehér, M. Tátraí, A. Pokoraczki u G. Koós, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Bottka u J. Aquilina, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/873 tat-13 ta’ Ġunju 2018 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea nefqa partikolari li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (il-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (il-FAEŻR) (ĠU 2018, L 152, p. 29)

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) L-Ungerija hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 399, 5.11.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Frar 2020 – Hickies vs EUIPO (Forma ta' lazz ta' żarbun)

(Kawża T-573/18) (¹)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għal trade mark tridimensjonali tal-Unjoni Ewropea – Forma ta’ lazz ta’ żarbun – Raġuni assoluta għal rifjut – Nuqqas ta’ karattru distintiv – Artikolu 7(1) (b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Protezzjoni ta’ dritt relatat ma’ disinn preċedenti – Provi ppreżentati għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali”)

(2020/C 95/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Hickies, Inc. (New York, New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: I. Fowler, solicitor, u S. Petivlasova, avukat)